**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Jannar 2018**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Gur. Nru. 1150/16 JZM**

**Mapfre Middlesea plc (C5553), Environmental Landscapes Consortium Limited (C30405) f`isimha proprju u hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-impjegat taghha Gilbert John Cutajar (I.D. 0238473M)**

***kontra***

**Citadel Insurance plc (C21550)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fl-20 ta` Dicembru 2016 li jaqra :–

*1. Illi fit-22 ta` April 2013 fi Triq Hal Luqa, Qormi, sehh inident stradali bejn il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni JBM 084, misjuqa minn Stefan Riolo, il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni ELC 059, proprjeta` tar-*

*rikorrenti Environmental Landscape Consortium u misjuqa minn Gilbert John Cutajar, u l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni DVY 009 misjuqa minn Patrick Bartolo u koperta b`polza t`assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` intimata Citadel Insurance plc;*

*2. Illi ghal dan l-incident kien jahti unikament Patrick Bartolo (illum mejjet) minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u ghal liem incident is-socjeta` intimata Citadel Insurance plc kienet accettat it-tort u hallset ukoll ghad-danni kkawzati fuq il-vettura ELC 059 proprjeta` tar-rikorrenti;*

*3. Illi bhala konsegwenza ta` dan l-incident Gilbert John Cutajar, impjegat tas-socjeta` rikorrenti Environmental Landscape Consortium Ltd, sofra danni fuq il-persuna tieghu fil-waqt illi gew ikkawzati danni ukoll fuq il-vettura proprjeta` tar-rikorrenti Environmental Landscape Consortium Limited.*

*4. Illi r-rikorrenti Gilbert John Cutajar ma setax jattendi ghad-dmirijiet tieghu b`konsegwenza tal-imsemmi incident fil-perjodu ta` bejn it-22 ta` April 2013 u s-6 ta` April 2014;*

*5. Illi s-socjeta` Environmental Landscape Consortium kellha polza tat-tip Employers` Liability li tkopri lill-istess Environmental Landscape Consortium Limited, bhala principal, ghal danni personali sofferti mill-impjegati taghha, liema polza kienet inhareget minn Allcare Insurance Limited u wara trasferiment ta` negozju giet assunta mis-socjeta` rikorrenti Mapfre Middlesea plc (kopja tal-polza hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ELC1). Il-polza kellha wkoll `endorsement` illi permezz taghha kienet tkopri ukoll lill `employer` ghall-hlas ta` pagi matul perjodi ta` `injury leave` (`EIRA extension`);*

*6. Illi abbazi ta` din il-polza s-socjeta` rikorrenti Mapfre Middlesea plc hallset l-ammont ta` tlieta u ghoxrin elf mitejn u tmienja u ghoxrin Euro u erba` centezmu (€23,228.04) hekk kif jirrizulta mid-discharge form, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ELC2. Dan l-ammont jirraprezenta hlasijiet ta` paga u beneficcji ohra li thallsu mis-socjeta` Environmental Consortium Limited matul il-perjodu ta` `injury leave` tar-rikorrenti Gilbert John Cutajar, u dan hekk kif ser jigi spjegat f`aktar dettal matul il-kawza odjerna.*

*7. Illi b`konsegwenza ta` dan is-socjeta` rikorrenti giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti Environmental Landscape Consortium Limited.*

*8. Illi s-socjeta` rikorrenti Environmental Landscape Consortium Limited u l-impjegat Gilbert John Cutajar sofrew danni ulterjuri illi ma kinux koperti bil-polza t`assigurazzjoni Employers` Liability policy, hawn fuq imsemmija. Illi s-socjeta` rikorrenti Environmental Landscape Consortium hallset lill-impjegat ghall-ispejjez kollha relatati mal-incident u d-danni konsegwenti sofferti minnu u giet surrogata minnu fid-drittijiet tieghu kontra l-intimata. Illi l-ammont ta` danni sofferti minnhom komplessivament jammonta ghal tmintax-il elf mija u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€18,140.35);*

*9. Illi ghaldaqstant l-ammont totali ta` danni illi s-socjeta` intimata ghadha ma hallsitx jammontaw ghal wiehed u erbghin elf tlett mija sitta u tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€41,368.39);*

*10. Illi minkejja illi s-socjeta` intimata kienet interpellata, inkluz permezz tal-ittra ufficjali numru 1427/15 datata d-29 ta` April 2015, sabiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq suesposti, is-socjetajiet rikorrenti umilment qieghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddikjara illi Patrick Bartolo kien unikament responsabbli ghall-incident stradali datat 22 ta` April 2013 f`Hal Qormi meta kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni DVY009, liema vettura kienet koperta b`polza t`assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` intimata Citadel Insurance plc;*

*2. Tiddikjara illi l-intimati sofrew danni bhala konsegwenza tal-incident stradali msemmi;*

*3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti Mapfre Middlesea plc fl-ammont ta` tlieta u ghoxrin elf mitejn u tmienja u ghoxrin Euro u erba` centezmu (€23,228.04), jew somom ohra verjuri li tista` tillikwida din l-Onorabbli Qorti okkorrendo permezz ta` periti nominandi;*

*4. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti Environmental Landscape Consortium Limited fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€18,140.35), jew somom ohra verjuri li tista` tillikwida din l-Onorabbli Qorti okkorrendo permezz ta` periti nominandi;*

*5. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socejta Mapfre Middlesea plc l-ammont ta tlieta u ghoxrin elf mitejn u tmienja u ghoxrin Euro u erba` centezmu (€23,228.04) jew somma ohra verjuri u dan abbazi ta` artiklu 9A tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*6. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` Environmental Landscape Consortium Limited l-ammont ta` tmintax-il elf mija u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€18,140.35) jew somma verjuri u dan abbazi ta` artiklu 9A tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Bl-ispejjez u bl-interessi legali sal-gurnata tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fis-16 ta` Jannar 2016 li taqra hekk :–

*1. Illi l-ewwel talba hija ammessa izda l-kumplament tat-talbiet attrici huma kontestati ghar-ragunijiet li ser isegwu;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici [hlief ghall-ewwel talba] huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl- ispejjez kontra l-istess atturi;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu ghat-talbiet tas-socjeta` attrici Mapfre Middlesea plc, l-istess socjeta` attrici trid tipprova li d-danni reklamati minnha kienu effettivament koperti mill-polza citata minnhom;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu dejjem jipprovaw id-danni allegati minnhom sal-grad rikjest mil-Ligi, liema danni huma kontestati;*

*5. Illi l-eccepjenti m`ghandhiex tbati l-ispejjez ta` din il-kawza – de minimis, l-ispejjez ghandhom jigu spartiti – dan jinghad stante illi ghall-fini ta` l-ewwel talba, ir-responsabilita` ghall-incident ilha ammessa mis-sena 2013, u sahansitra anke sar pagament ghall-hsara riportata lill-vettura ta` Gilbert John Cutajar – il-kwistjoni odjerna hija fil-fatt dwar hlasijiet ulterjuri li qeghdin jigu*

*pretizi. Oltre ittra ufficjali generika, ma kien hemm ebda komunikazzjoni ma` l-eccepjenti fir-rigward ta` x`inhuma dawn id-danni, ahseb u ara kemm gew likwidati;*

*6. Illi, f`kaz illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tillikwida kwalunkwe ammont favur l-atturi, jew min minnhom, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-Rikors Mahluf, stante li din hija l-ewwel okkazjoni meta l-pretensjoni attrici giet effettivament likwidata;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti li ghamlet il-konvenuta u li tghid hekk :-

*1. Illi mill-file taghna, jirrizulta li Citadel Insurance plc kienet ammettiet it-tort ghal dan l-incident;*

*2. Ahna ma jidhrilniex li hemm pagamenti ohra dovuti in konnessjoni ma` dan l-incident. Wara li hallasna l-ispejjez fuq il-karozza, ma sibtx mill-file li rcevejna xi komunikazzjonijiet biex niddiskutu xi danni ohra, barra ittra ufficjali li talbet danni b`mod generali minghajr ebda hjiel iehor ta` informazzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2017 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**<u>Clive Cachia Garrett</u>** xehed illi huwa jahdem bhala *claims handler* mal-kumpannija attrici Mapfre Middlesea plc ("**<u>Mapfre</u>**") u ha hsieb il-*claim* mertu tal-kawza odjerna. Fil-15 ta` Awissu 2013, l-agent taghhom Allcare Insurance Limited ("**<u>Allcare</u>**") kienet irciviet *claim* minghand l-assikurata taghhom Environmental Landscapes Consortium Limited ("**<u>ELC</u>**") skont "*Employers Liability Insurance Policy*". ELC ghamlet *claim* relatata mal-vettura ELC 059, proprjeta` ta` ELC. Il-*claim* saret bhala konsegwenza ta` incident stradali li sehh fit-22 ta` April 2013 go Hal Qormi fejn fih kien wegga` Gilbert John Cutajar, impjegat ta` ELC. Skont ir-*road traffic accident insurance report* datat l-24 ta` April 2013, kien irrizulta kjarament illi t-tort ta` l-incident kien imputabbli unikament lil Patrick Bartolo, is-sewwieq tal-vettura DVY009, li kienet assigurata mas-socjeta` assikuratrici konvenuta ("**<u>Citadel</u>**").

Xehed illi l-polza "*Employers Liability Insurance Policy*" kellha *endorsement* imsejha "*Extension of Cover under Conditions of Employment and Industrial Relations Act 2002 (Cap 452)*" fejn l-assigurat kien kopert ukoll ghall-hlas ta` pagi matul perijodi ta` *injury leave*. Skont l-iskeda li taghmel parti mill-polza, l-assigurat kellu jhallas l-ewwel erbatax-il gurnata ta` *injury leave* bhala *excess*. Gilbert John Cutajar dam barra mix-xoghol bejn it-22 ta` April 2013 (id-data ta` l-incident) u s-7 ta` April 2014.

Kompla jghid illi Allcare hallset l-ammont ta` EUR23,228.40c bhala paga li thallset lil Gilbert John Cutajar ghaz-zmien li kien *on injury leave*. Spjega li ghaz-zmien ta` bejn it-22 t` April 2013 u l-31 ta` Dicembru 2013, Cutajar thallas pagi ta` EUR15,886.08. Tnaqqsu hamest ijiem festi, erbatax-il gurnata *excess*, l-ewwel tlett ijiem li fih ma jsirx hlas, u l-ammont ta` EUR4,974.66 li thallsu mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Jannar 2014 u s-6 ta` April 2014, Cutajar thallas salarju ta` EUR6,473.60c li minnu tnaqqsu erbat ijiem festi kif ukoll l-ammont ta` EUR1,869.44 li thallas mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. L-ammont ta` EUR23,228.04 kien jinkludi wkoll il-bonus skont il-ligi (EUR512.46) u l-bonus skont il-kuntratt ta` impjieg ta` Cutajar ghal kemm dam bl-*injury leave* (EUR7,200.00).

Stqarr illi Allcare ghamlet kuntatt ma` Citadel Insurance plc sabiex din taghti risarciment kemm ghal dak li thallas taht il-"*Motor Insurance Policy*" li kienet harget favur ELC, liema polza kienet tkopri l-vettura ELC 059 li kien qed isuq Cutajar fil-hin tal-incident u kif ukoll ghall-hlas li sar taht l-"*Employers Liability Insurance Policy*" peress li ELC kienet tat surroga.

Kompla stqarr illi fis-17 ta` Marzu 2016, huwa baghat *email* lil Citadel fejn indika d-dettalji tal-hlasijiet li kienu saru. Sa dakinhar Citadel kienet accettat it-tort ghall-incident u kif ukoll li kienet sejra thallas tal-hsarat tal-vetura assikurata. Mal-email, huwa baghat il-*payslips* u l-FS3 *forms* ta`

Cutajar ghaz-zmien tal-*injury leave,* dokumenti medici u tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, u l-konteggi tal-hlas lil ELC.

Xehed illi wara li Mapfre akkwistat in-negozju li kellha Allcare, inkluz il-claim in kwistjoni, Mapfre thallset l-ammont ta` EUR3,550 minghand Citadel. Pero` baqghet ma thallset xejn mill-ammonti li kienu thallsu in konnessjoni mal-injury leave ta` Cutajar. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fil-**kontroezami,** xehed illi huwa ma bediex jahdem fuq il-claim in kwistjoni mill-bidu izda beda jahdem fuqha wara li Mapfre hadet in-negozju ta` Allcare. Ghalhekk ghaz-zmien precedenti, huwa qaghad fuq l-informazzjoni li kien hemm fil-file. L-*Employers Liability Insurance Policy* tkopri danni li jsofri min jimpjega. Fil-kaz odjern, ELC kellha estensjoni fil-polza sabiex tkopri l-pagi li min jimpjega jkollu jhallas lill-impjegat meta dan ikun b`*injury leave.* Sahaq li l-polza kienet tkopri d-danni li jsehhu waqt it-twettiq tax-xoghol. Fil-kaz tal-lum Cutajar kellu pozizzjoni manigerjali. L-incident sehh waqt li Cutajar kien qed isuq il-karozza ta` ELC waqt il-hin tax-xoghol ma` ECL.

Stqarr illi ELC kienet indennizzata ghall-pagi li hallset lil Cutajar meta dan ma setax imur ghax-xoghol minhabba l-korriment. Sabiex tiskatta l-polza, irid ikun hemm *injury* waqt il-hin tax- xoghol ; mhux necessarjament ikun hemm *liability*. Il-pagamenti kienu kkalkolati abbazi tal-*payslips* peress li fil-file ma kienx hemm il-kuntratt ta` l-impjieg. Ma setax ighid x`kienu l-kondizzjonijiet ghall-hlas tal-*bonus* skont il-kuntratt ta` impieg. Il-polza kienet tkopri l-bonus ukoll. Jekk il-*bonus* ikun gie offrut minn min jimpjega, huwa irrelevanti jekk l-impjegat ikunx mar ghax-xoghol jew le. Jibqa` dovut.

Xehed illi meta l-impjegat dahal lura ghax-xoghol, huma nfurmaw lil Citadel u tawhom rendikont tal-hlasijiet li kienu ghamlu. Fl-1 ta` Awissu 2013, Citadel kienet diga` accettat ir-responsabilita` ghall-incident.

Stqarr illi l-ewwel darba li Citadel kienet interpellatha ghall-hlas ta` somma likwidata dwar *injury* kien fis-17 ta` Marzu 2016.

Qal illi Cutajar kien sofra minn *whiplash injury*. Sar ezami mediku min-naha tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u hareg certifikat li ma kienx tajjeb ghax-xoghol. Huma talbu rapport kull erba` gimghat bil-ghan illi jaggornaw il-qaghda medika tal-vittma. Mapfre riedet tassigura ruhha li l-vittma ma kienx tajjeb ghax-xoghol.

Ikkonferma li ma kienx inkarikat tabib peress li Cutajar kien qed ikun investigat minn bord tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kif ukoll mit-tabib personali tieghu.

**Boris Farrugia** direttur u segretarju tal-kumpannija ELC xehed illi fl-1 ta` Jannar 2010, ELC impjegat lil Gilbert John Cutajar bhala *"turf and irrigation manager".* Fit-22 ta` April 2013 fi Triq Hal Luqa, Qormi, sehh incident stradali bejn il-vettura JBM 084 misjuqa minn Stefan Riolo, il-vettura ELC 059 proprjeta` taghhom u misjuqa minn Gilbert John Cutajar, u l-vettura DVY 009 misjuqa minn Patrick Bartolo.

Kompla jixhed illi ghall-incident kien jahti unikament Patrick Bartolo li kien assikurat ma` Citadel. Din tal-ahhar accettat it-tort u hallset tal-hsara li garrbet il-vettura taghhom. Konsegwenza tal-incident, Cutajar garrab griehi fil-persuna tieghu u ma setax jigi ghax-xoghol bejn it-22 ta` April 2013 u s-6 ta` April 2014. ELC kellha polza ta` assikurazzjoni *Employers` Liability* ma` Allcare li kienet tkoprieha bhala principal ghal danni li jgarrbu l-impjegati taghha. Wara li Allcare trasferiet in-negozju taghha lil Mapfre, il-kopertura ghaddiet ghand Mapfre. Il-polza kellha *endorsement* fis-sens illi kienet tkoprihom ghal hlasijiet ta` pagi li jaghmlu waqt li impjegat ikun ghaddej b`*injury leave.*

Stqarr illi abbazi ta` l-polza, Mapfre hallset lil ELC l-ammont ta` EUR23,228.04 u saret *discharge form.* L-ammont imhallas ikopri l-pagi u beneficcji ohra li hallset ELC matul iz-zmien tal-*injury leave* li kellu Cutajar. Mapfre giet surrogata fid-drittijiet ta` ELC ghal dak l-ammont.

Kompla stqarr li ELC f`isimha proprju u bhala surrogata fid-drittijiet tal-impjegat taghha Gilbert John Cutajar bi ftehim tad-29 ta` Settembru 2016 garrbet danni ulterjuri li ma kinux koperti bl-*Employers Liability Insurance Policy*. Id-danni li ma kinux koperti bil-polza kienu hlasijiet ohra li ghamlet ELC lil Cutajar ghal spejjez relatati mal-incident u d-danni konsegwenzjali li garrab ghal liema esborsi ELC giet surrogata fid-drittijiet ta` Cutajar. Dawn id-danni kienu jammontaw ghal EUR18,140.35.

Fisser illi fiz-zmien li Cutajar ma setax jidhol ghax-xoghol, ELC baqghet thallas is-*social security contribution* dovuta minnha bhala *employer*. Ghaz-zmien ta` bejn it-22 ta` April 2013 u s-6 ta` April 2014, thallset is-somma ta` EUR2,029.35. Fil-fatt Cutajar inkorra spejjez medici u ta` kura fl-ammont ta` EUR4,111.05. ELC ghamlet rifuzjoni lil Cutajar tal-ispejjez medici li nkorra permezz ta` zewg cheques datati 8 ta` Gunju 2014 u 29 ta` April 2015.

Kien esebit prospett tal-ispejjez medici kollha li nkorra Cutajar kif ukoll ricevuti ghall-ammont ta` EUR2,445.05. Spjega li Cutajar kien assigurah li kien hallas l-ispejjez medici kollha izda ma kienx inghata ricevuta ghal kull hlas li kien ghamel.

Stqarr illi ELC inkorriet spiza addizzjonali ta` EUR12,000 ghal hlas li ghamlet lil Calamatta Landscapes Limited ghas-servizzi ta` *turf and irrigation management and consultancy* fiz-zmien li Cutajar ma setax imur ghax-xoghol. ELC inkorriet spejjez addizzjonali ta` EUR18,140 b`konsegwenza ta` l-incident stradali de quo. Stqarr illi Cutajar ghadu jsofri l-konsegwenzi ta` l-incident fis-sens illi ghadu jigi nvistat minn *neurosurgeon* u minn tobba ohra.

Fil-**kontroezami** xehed li x-xoghol ta` Cutajar kien jinvolvi li jaghmel *site visits* regolari fil-lantijiet tax-xoghol, jiehu hsieb it-tqeghid ta` pipijiet, jaghmel ippjanar u *drawings* fl-ufficcju, u jiehu hsieb it-tqassim ta` n-nies. Il-bicca l-kbira tax-xoghol kien ikun *on site* u ghalhekk kien ikollu jsuq bil-karozza tax-xoghol ghad-diversi lantijiet.

Kompla jixhed illi ma jafx fejn kien sejjer fil-hinijiet tal-incident. L-incident sehh waqt il-hin tax-xoghol.

Stqarr illi baqa` impjegat taghhom. Jekk impjegat ikun bis-*sick leave*, xorta wahda tithallas il-bolla ghalkemm hemm terminu sa meta trid tithallas. Meta impjegat ikun bil-*leave,* il-bolla xorta wahda tithallas. Meta saret il-*claim,* l-incident kienet trattat bhala li jaghti drit lill-impjegat korut ghal *injury leave.* Sakemm persuna tibqa` impjegat mal-kumpannija, il-bolla xorta trid tithallas. Qal illi hemm tmienja u ghoxrin (28) gurnata *leave* li dwarhom ghandha tithallas il-bolla. L-istess ighodd fil-kaz ta` *sick leave.* Meta tigi ghal *injury leave,* ELC hasbet biex taghmel polza ta` assigurazzjoni sabiex ikollha kopertura adegwata.

Sostna li Cutajar mar diversi drabi ghal kura Mater Dei. Fil-privat mar ukoll. Cutajar kien prudenti hafna fil-kura tieghu u fl-ispejjez li hareg. Ikkonferma li Cutajar kien wera rcevuti li jammontaw €2,445, izda minkejja dan, xorta thallas € 4,000 peress li Cutajar mexa *in good faith.* Bl-ebda mod ma abbuza mis-sitwazzjoni.

Stqarr illi l-prospett a fol 111 tal-process kien ippreparat minn Cutajar. Dwar id-dokument a fol 112 tal-process, ma vverifikax min kienet Dr Anne Vella. Fisser illi huwa kien staqsa lil Cutajar dwar jekk il-kontenut tal-prospett kienx relatat ma` l-incident. ELC hadet il-linja illi billi Cutajar kellu familja kbira ma

setax jithalla minghajr ir-rimbors tal-flus li hareg biex jikkura ruhu. Il-hlasijiet li ghamlet ELC ma kinux koperti bil-polza.

Kompla jixhed illi fil-kuntratt ta` l-impjieg ta` Cutajar kien provdut il-hlas ta` *performance bonus.* Spjega li dan il-bonus generalment jithallas dejjem ghalkemm huwa deskritt bhala *performance bonus.* Inghata l-kwalika ta` *perfotrmance bonus* sabiex fil-kaz ta` negligenza jew traskuragni fit-twettieq tal-obbligi li johorgu mill-kuntratt, il-kumpannija jkollha d-dritt li ma thallasx dan il-*bonus.*

Mistoqsi kif Cutajar thallas il-*performance bonus* ghad illi ghamel sena ma jmurx ghax-xoghol, wiegeb bhala norma, ELC thallas il-*performance bonus* meta jkun hemm korriment ta` impjegat waqt il-hin tax-xoghol. Sostna li ma kienx tort tal-vittma li ma setax jattendi ghax-xoghol u ghalhekk ghal ELC ma kienx ikun gust li Cutajar jitlef il-*performance bonus* intortament. Cutajar dejjem thallas *performance bonus.*

Ippreciza li fil-*payslip* il-*performance bonus* jigi indikat separatament mill-paga.

Ma dehrlux li Citadel qatt intalbet tirrifondi lil ELC is-somma reklamata ta` EUR18,000.

**<u>Carlos Calamatta</u>** direttur ta` Calamatta Landscapes Limited u direttur ta` ELC xehed illi peress illi Gilbert John Cutajar wegga` fl-incident tat-traffiku tat-22 ta` April 2013 ma setax jattendi ghax-xoghol tieghu ma` ELC ghaz-zmien ta` bejn it-22 ta` April 2013 u s-6 ta` April 2014. Cutajar kien il-konsulent ewlieni ta` ELC fil-qasam ta` *turf and lawn maintenance* u *irrigation.* Minhabba l-assenza tieghu mix-xoghol, ELC kellha tirrikorri ghas-servizzi ta` Calamatta Landscapes Limited. Ghal dan il-ghan, kien iffirmat ftehim fl-1 ta` Mejju 2013 fejn ELC ingaggat is-servizzi ta` Calamatta Landscapes Limited bhala konsulent ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` *turf, lawn* u *irrigation maintenance.* Ghal dan is-servizz, Calamata Landscapes Limited thallset is-somma ta` EUR12,000.

**<u>Gilbert John Cutajar</u>** xehed illi huwa beda jahdem bhala *turf and irrigation manager* ma` ELC fit-3 ta` Lulju 2006. Fit-22 ta` April 2013, waqt li kien qed isuq il-vettura ELC 059, proprjeta` ta` ELC, kien involut f`incident stradali. Kagun tal-incident, il-vettura li kien qed isuq garrbet hsarat kbar waqt li huwa korra serjament tant li ma setax jattendi ghax-xoghol ghall-perijodu ta` bejn it-22 ta` April 2013 u s-6 ta` April 2014. Huwa baqa` jircievi l-paga minghand ELC matul dan iz-zmien kollu.

Xehed illi matul iz-zmien li ma setax imur ghax-xoghol u anke wara, huwa kellu jattendi ghal viziti medici minn tobba u konsulenti apparti numru konsiderevoli ta` *physiotherapy sessions*. Din il-kura swietu l-ammont ta` EUR4,111.05. Ghalkemm dahal ghax-xoghol wara s-6 ta` April 2014, baqa` ma rkuprax kompletament u kien ghadu jinkorri spejjez ta` medicini u terapija medika konsegwenza tal-incident.

Stqarr illi ELC qatt ma naqset fil-konfront tieghu u rrifondietu s-somma ta` EUR4,111 li kien nefaq ghall-kura u ssurroga lil ELC fid-drittijiet tieghu bhala effett tal-hlas illi sar favur tieghu.

Fil-**kontroezami** xehed illi parti mix-xoghol tieghu bhala *turf and irrigation manager* kien jinkludi li jmur fuq il-lantijiet tax-xoghol. Sabiex jaghmel dan, ELC ipprovdietu b`vettura minn taghha u kien isuq hu biex imur fid-diversi siti. L-incident de quo gara propju meta kien sejjer lejn sit minnhom. Fil-fatt huwa telaq minn Wied Incita, Attard, u saq lejn Hal-Qormi. Waqt it-tragitt sehh l-incident.

Spjega li huwa wegga` ghonqu u dahru u ghamel zmien lanqas biss seta` jimxi. Ghamel zmien fis-sodda sakemm beda terapija. Qatta` l-ewwel tlett gimghat wara l-incident fis-sodda. Imbaghad beda jimxi bil-mod u wara beda jattendi ghat-terapija kull jumejn. Ghamel kwazi tmien xhur ghaddej bit-terapija, u ghalkemm dahal ghax-xoghol, xorta wahda kellu bzonn ikompli bit-terapija.

Stqarr illi hu kien tah il-kura tal-Professur John Borg. Kien hu li ndikalu meta kien tajjeb biex jidhol lura ghax-xoghol. Rat ukoll in-newrologu Dr Norbert Vella.

Ikkonferma li kien hu li hejja l-prospett esebit.

Xehed illi huwa ma forniex lil ELC ir-ricevuti kollha li jkopru l-infieq mediku tieghu ghaliex mhux kull min rah taht ricevuta. Fil-fatt it-tabib personali tieghu qatt ma tah ricevuta ghad-drabi kollha li rah. Qal ukoll li bosta kienu l-prestazzjonijiet li rcieva l-Isptar Matrer Dei.

Fisser illi fil-prospett huwa nizzel biss l-ispejjez li kien hallas.

Qal li kull spiza li hemm fil-prospett hallasha minn flusu ghall-kura li kien jehtieg minhabba l-incident.

Stqarr illi huwa qatt ma talab lit-tabib tieghu biex jaghmillu dikjarazzjoni dwar il-hlasijiet li rcieva minghandu.

Ikkonferma li huwa thallas il-*performance bonus*. Huwa kien iqis il-*performance bonus* bhala parti mill-paga.

Qal illi kemm kien ilu jahdem ma` ELC dejjem thallas il-*performance bonus* anke fiz-zmien meta ma setax jattendi ghax-xoghol minhabba l-korriment li garrab fl-incident de quo.

**Mario Cardona** mpjegat ta` Citadel xehed illi ghar-rigward tal-kaz in kwistjoni huwa kien ikkomunika ma` Matthew Micallef ta` Allcare. Fl-1 ta` Awissu 2013 kien infurmah illi Citadel kienet accettat ir-responsabbilita` ghall-incident mertu tal-kawza tal-lum.

**Michael Borg Costanzi** Kap tad-Dipartiment tal-Claims ta` Citadel xehed illi l-assigurat taghhom, Patrick Bartolo kien ghamel *claim* fis-7 ta` Mejju 2013 dwar incident tat-traffiku li kellu fit-22 ta` April 2013. Jaf illi t-*third party* Gilbert Cutajar kien dahal l-isptar izda kien certifikat li sofra griehi hfief bhala konsegwenza ta` *whiplash injury*.

Qal li bejn Mejju u Lulju 2013, hadu hsieb it-tiswija tal-vettura ta` l-assigurat taghhom.

Fl-24 ta` Lulju 2013, ircevew *survey report* minghand Allcare dwar hsarat li kienet garrbet il-vettjura assikurata maghhom fl-incident de quo.

Citadel accettat responsabilita` ghall-incident.

Kompla jixhed illi fl-1 ta` Awissu 2013, Mario Cardona min-naha ta` Citadel baghat email lil Allcare fejn infurmahom li Citadel kienet accettat ir-responsabbilita` ghall-incident.

In segwitu bdew diskussjonijiet dwar il-prezz tat-tiswija tal-vettura ta` l-assigurat ta` l-Allcare u kien miftiehem pagament ta` EUR3,500 li thallsu minn Citadel.

Stqarr illi rcevew ittra minn Gilbert Cutajar fis-16 ta` Awissu 2013 fejn dan sostna li l-griehi kienu ta` natura gravi u li minhabba fihom huwa ma kienx qed jattendi ghax-xoghol. Fl-ittra Citadel kienet interpellata sabiex thallas id-danni izda d-danni ma kinux likwidati.

Kompla stqarr illi kien biss erba` snin wara meta rcivew il-kawza tal-lum.

Mill-kawza saru jafu li Cutajar li kien ceda d-drittijiet tieghu lill-*employer* tieghu ELC.

Li kieku kienu avzati qabel saret il-kawza, il-pretensjoni attrici kienet tkun sodisfatta.

Dwar il-*claim* ta` ELC ghall-ammont ta` EUR12,000 li kienu thallsu lil Calamatta, xehed illi din saru jafu biha biss fil-kawza.

Xehed illi f`April 2015, is-socjeta` intimata rceviet ittra ufficjali generika minn Allcare, ELC u Gilbert Cutajar fejn zammewhom responsabbli ghad-danni. Fl-ittra, ma kienx hemm indikazzjoni ta` x`kienu d-danni u ghal kemm kienu jammontaw. Citadel hasbet li kien ser ikun hemm *bodily injury claim* biss.

Kien imbaghad fis-17 ta` Marzu 2016 li Citadel saret taf li kien hemm *claim* minn Allcare abbazi ta` *employer`s liability policy*.

Dan sehh tliet snin wara l-incident.

Stqarr illi huwa kellu dubji serji kemm setghet tigi applikata l-*employer`s liability policy* ghall-kaz tal-lum meta ma kienx hemm indikazzjoni dwar jekk il-korriment kienx effettivament fuq ix-xoghol.

Qal li huwa ma setax jifhem kif *whiplash injury* tkun certifikata bhala *slight* imbaghad il-persuna koncernata ddum kwazi sena ma tmur ghax-xoghol minhabba dik l-*injury*.

Ikkontesta r-raguni ghala kien qed jigi reklamat *contractual bonus* ta` EUR7,200 minghajr ma kien spjegat kif u meta huwa applikabbli, u partikolarment xi dritt kellu Cutajar jippercepixxi dak il-*bonus* meta dam kwazi sena nieqes mix-xoghol.

Dwar il-*claim* ta` ELC ghal EUR12,000 li thallset lil Calamatta, stqarr illi d-danni bl-ebda mod ma kienu minimizzati.

## III. <u>Il-fatti saljenti tal-kwistjoni</u>

Il-kawza kienet il-konsegwenza ta` incident tat-traffiku li gara fit-22 ta` April 2013 fi Triq Hal Luqa Qormi bejn il-vettura JBM 084 misjuqa minn Stefan Riolo, vettura ELC 059 misjuqa minn Gilbert John Cutajar u vettura DVY 009 misjuqa minn Patrick Bartolo. Fil-hin tal-incident Gilbert John Cutajar kien sejjer fuq il-lant tax-xoghol tieghu b`inkariku ta` ELC li maghha huwa impjegat.

Irrizulta li ghall-incident u konsegwenzjali jahti unikament Patrick Bartolo tant li l-assikurazzjoni tieghu Citadel accettat ir-responsabilita` ghall-incident u allura accettat li thallas id-danni subiti minn terzi.

Kagun tal-incident, Gilbert John Cutajar garrab griehi fil-persuna tieghu u ma setax imur ghax-xoghol. Billi l-incident gara fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet tieghu, l-incident kien trattat bhala korriment waqt ix-xoghol u Cutajar ha *injury leave*. Intant Citadel hallset il-hsara tal-vettura ELC 059.

Il-vertenza tal-lum tirrigwarda l-hlasijiet li saru lil Cutajar jew ghall-beneficcju tal-istess Cutajar.

L-atturi huma fuq naha wahda Mapfre l-assikuratur ta` ELC li talbet rifuzjoni tal-hlasijiet li ghamlet lil ELC abbazi tal-polza *Employers Liability* wara li kienet surrogata fid-drittijiet ta` ELC, u min-naha l-ohra ELC stess de proprio u bhala surrogata fid-dritijiet ta` Cutajar ghal hlasijiet li saru lil Cutajar u li ma kinux koperti bil-polza *Employers Liability*.

Ghal dak li huwa quantum, Mapfre talbet il-hlas lura tal-ammont ta` EUR23,228.04. Il-figura tkopri z-zmien kollu li Cutajar kien *on injury leave*. Min-naha taghha ELC qeghda titlob il-hlas lura ta` EUR18,140.35c liema hlas ma kienx kopert mill-polza ta` Mapfre.

Citadel qeghda tikkontesta l-quantum tad-danni pretiz miz-zewg atturi.

## IV. L-Art 9A tal-Kap 104

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

> *(1) Parti offiza residenti f`Malta jew fi Stat imsemmi u li jkollha jedd ghal kumpens dwar kull telf jew feriment li jirrizultaminn accident kagunat bl-uzu ta` vettura bil-mutur li tkunassigurata minn assiguratur awtorizzat u nomalment bazata f`Maltajew fit-territorju ta` Stat imsemmi, ikollha jedd dirett ghal azzjoni kontra l-assiguratur awtorizzat f`Malta, jekk :*
>
> *(a) l-accident ikun gara f`Malta jew fi Stat imsemmi*
>
> *jew*
>
> *(b) l-accident ikun gara f`pajjiz terz li l-bureau barrani tieghu jkun issieheb mas-sistema green card.*
>
> *(2) Parti offiza residenti f`Malta u li jkollu jedd ghal kumpensdwar kull telf jew feriment li jirrizulta minn xi accident kagunat bl-uzu ta` vettura bil-mutur li tkun assigurata u normalrnent bazata fit-territorju ta` Stat imsemmi, ghandu jkollha jedd dirett ghal azzjoni kontra l-impriza tal-assigurazzjoni li tkun harget il-polza tal-assigurazzjoni u jkollha jedd tezercita l-jedd dirett li jkollha ghalazzjoni kontra r-rapprezentant tat-talbiet ghad-danni tal-imprizatal-assigurazzjoni f`Malta, jekk :*
>
> *(a) l-accident ikun gara fi Stat imsemmi ;*
>
> *jew*
>
> *(b) l-accident ikun gara f`pajjiz terz li l-bureau barranitieghu ikun issieheb mas-sistema green card.*

Il-jedd tal-atturi ghall-azzjoni tal-lum jitwieled mill-*culpa aquiliana* tax-xufier tal-vettura assikurata mill-konvenuta. Ladarba dak huwa l-kaz, id-disposizzjoni appena citata taghti jedd lill-persuna li tkun garrbet il-hsara dritt ta` azzjoni diretta kontra l-assikuratur. Fil-kaz tal-lum, kien hemm surroga u ghalhekk l-azzjoni saret minn Mapfre u ELC (ara Dok ELC 2 u Dok A1 a fol 92).

## V. **L-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tad-danni**

Meta jsiru talbiet ghal risarciment ta` danni, min jallega li jkun sofra dannu ghandu jaghmel il-prova taghhom.

Fis-sentenza li tat fit-23 ta` Novembru 1921 fil-kawza "**Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech**" (Kollez. Vol. XXIV.I.1894) il-Qorti tal-Appell qalet hek :-

> *" ... quando in un giudizio di risarcimento di danni l`attore allega d`aver sofferto il danno ... per colpa del convenuto, egli e` nell`obbligo di provare un fatto od una omissione che parti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto poiche` la colpa e` un ipotesi giuridica e generica finche` sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione ..."*

Fil-kaz tal-lum, il-konvenuta accettat ir-responsabilita` tal-assikurat taghha ghall-incident de quo u allura obbligat ruhha li thallas id-danni konsegwenzjali tal-incident imgarrba minn terzi. Dan mhux biss irrizulta mill-provi u mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta izda kien affermat ukoll fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2017, fejn inghad illi l-vertenza bejn il-partijiet ma kenitx ir-responsabilita` ghall-incident izda l-quantum tad-danni pretiz.

## VI. **Il-mitigazzjoni tat-telf**

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Novembru 1956 fil-kawza "**John Xuereb vs James Edward Livick et**" inghad illi hija massima generali hija li kull danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara. Din il-massima tghodd kemm fil-kaz ta` danni *ex delicto* kif ukoll dawk *ex contractu.*

Matul iz-zmien, il-qrati rriaffermat il-principju illi : jibqa` dejjem "*dmir tad-danneggat li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza ta` l-att illecitu ta` min ikkaguna l-hsara u ma jistax jirreklama in linea ta` danni kwalunkwe ammont li jkun dovut ghan-negligenza*

*tieghu stess izda mhux obbligat jitghabba b`pizijiet biex jirreduci l-hsara. Il-kwistjoni ta` x`inhu ragjonevoli li jaghmel iddanneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta` fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta` kull kaz partikolari.*" ("**Joseph Aquilina –vs- Emmanuele Schembri**", Appell Civili, 24 ta` Jannar 1969 ; Vol. XXXVII.I.478 ; Vol. XXXVIII.I.249 ; "**Accountant General et vs Joseph Spiteri**", Prim`Awla tal-Qorti Civili, 28 ta` April, 2003 ; 30 ta` Gunju 2004 : "**Anthony Xuereb et vs Noel Caruana**" ; 26 ta` Novembru 2003 : **Elmo Insurance Services Ltd noe vs Trevor Vassallo** ; Qorti tal-Appell : 20 ta` Ottubru 2003 : **Maria Xuereb et vs Tbs Services Ltd)**

## VII. Risultanzi

### 1. Il-quantum reklamat minn Mapfre

Mapfre qeghda titlob li tigbor lura s-somma ta` EUR23, 228.04c li sborsat favur ELC abbazi tal-polza *Employers Liability* li biha kienet koperta ELC. Min-naha taghha Citadel tat it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet.

Il-Qorti rat il-polza a fol 6 sa 17.

Il-polza kienet tkopri lil ELC anke ghall-hlas ta` pagi tal-impjegati li jkun korrew waqt ix-xoghol u li jkun bl-*injury leave.*

Insibu miktub hekk :-

> *"Now this Policy witnesses that if any employee in the insured`s immediate service shall sustain bodily injury by accident or disease caused during the Period of Insurance and arising out of and in the course of his employment by the insured in the Business.*
>
> *The Company will … indemnify the Insured against liability at law to pay compensation and claimant`s costs and expenses in respect of such injury and will in addition pay all costs and expenses incurred with its written consent."*

Imbaghad fil-parti intitolata "*Endorsements"* insibu bin-nru 4 (fol 16) illi :-

*"It is hereby declared and agreed that Exception (i) is deleted and this Policy is extended to indemnify the insured in respect of liability within the terms of any recognised conditions of employment for payment of wages during injury leave to employees in respect of injury caused during the Period of Insurance during the actual discharge of their duty.*

*Provided that:*

*1. The full amount of any injury benefit entitlement under the terms of Social Security Act 1987 (or any subsequent replacement Act) shall be deducted from any such payment.*

*2. Payment shall not be made in respect of the first ten working days of incapacity.*

*3. Payments shall not apply beyond the first 12 calender months of incapacity.*

*4. For the purposes of this extension "recognised conditions of employment" shall only include those conditions defined in the Employment and Industrial Relations Act 2002 as may be amended from time to time.*

*5. The injury is not due to contributory negligence on the part of the Employee or contravention by him of any safety rules laid down by the management."*

Skont l-iskeda a fol 6, ELC kellha *policy excess* kostitwit mill-ewwel 14-il gurnata tal-*injury leave.* Dan l-*excess* kien a kariku taghha.

Il-Qorti rat il-komputazzjoni li ghamlet Mapfre skont Dok ELC5 esebit a fol 43 u 44.

Jirrizulta li Gilbert John Cutajar ma marx ghax-xoghol bejn it-22 ta` April 2013 u s-6 ta` April 2014, skont dokument li irrilaxxja ELC a fol 65.

Wara li tnaqqsu (i) l-14-il jum *excess* kif fuq inghad ; (ii) is-somma li thallsu mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali skont il-ligi ; (iii) l-ewwel 3 ijiem li

fihom ma jsirx hlas u (iv) tnaqqis ta` 5 ijiem ghax kienu festi, irrizulta li kellu jithallas bilanc ta` EUR15,515.58c.

Ma` din is-somma, zdied il-*bonus* skont il-ligijiet tax-xoghol fl-ammont ta` EUR512.46c u l-*performance onus* skont il-kuntratt tax-xoghol ta` Cutajar ghaz-zmien tal-*injury leave* fl-ammont ta` EUR7,200.

Fid-Dok B1 ezebit a fol 93 jirrizulta elenku ta` l-kalkoli li saru relatati mas-salarju u l-*bonuses* li thallsu lil Cutajar waqt iz-zmien li kien *on injury leave.*

Ghalhekk Mapfre hallset skont il-polza lil ELC l-ammont ta` EUR23,228.04c.

Il-Qorti tikkondividi l-komputazzjoni ta` Mapfre ghaliex kienet debitament korraborata u ppruvata bil-kopji tal-*payslips* ta` Cutajar fiz-zmien meta kien bl-*injury leave* (fol 47 sa 58) kif ukoll b`kopji tal-FS3 *forms* relattivi (fol 59 sa 60).

Citadel tat ir-ragunijiet ghall-kontestazzjoni tal-ammonti reklamati minn Mapfre.

Tissottometti li l-*Employers` Liability Policy* ma kenitx tkopri l-fattispeci tal-incident li fih kien involut Cutajar.

Tghid illi ma kienx hemm prova ta` jekk il-korriment kienx effettivament sehh waqt il-lant tax-xoghol tal-vittma. Ghalhekk tghid illi jista` jkun li l-korriment ma kienx jaqa` fil-parametri ta` l-polza. Skont il-konvenuta, l-incident ma sehhx *in the course of employment* hekk kif rikjest mill-polza, ghax l-incident sehh waqt li Cutajar kien qed isuq biex imur fuq il-lant tax-xoghol.

Fil-fehma ta` l-Qorti, l-argument ma jregix.

Cutajar xehed illi huwa kien qed isuq il-vettura tax-xoghol sabiex jaccedi ghal sit fejn kellu jsir xi xoghol. Jirrizulta li x-xoghol ta` Cutajar fil-bicca l-kbira tieghu kien jinvolvi li jmur personalment minn sit ghal iehor sabiex jippjana l-hidma hemm u jaghti direzzjoni u ordnijiet lill-haddiema. L-incident sehh propju waqt li Cutajar kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu. Dawn il-fatti u cirkostanzi

jikkonfermaw kemm l-incident kien *"arising out of"* u *"in the course of his employment"*. Fil-fehma taghha huwa mgebbed l-argument min-naha tal-konvenuta illi ladarba Cutajar ma kienx ghadu wasal fuq is-sit tad-destinazzjoni tieghu u ma kienx qed iwettaq *in situ* x-xoghol tieghu b`daqshekk l-incident ghandu jitqies bli ma kienx *"arising out of the employment"*. Il-fatt li Cutajar korra waqt li kien sejjer fuq sit partikolari minhabba l-esigenzi tal-impieg tieghu jaghti lill-incident kopertura bl-*Employers Liability Policy*.

Ghandu jigi rilevat ukoll illi Mapfre accettat li l-incident kien jaqa` fil-parametri ta` l-polza u ghalhekk hallset u ghal ebda raguni ohra.

Citadel tikkontendi li m`ghandhiex taghmel tajjeb ghall-*performance bonus* li thallas minn ELC lil Cutajar ghar-raguni illi ladarba kien *on injury leave* fiz-zmien in kwistjoni ma kellux jithallas *performance bonus* billi dan il-*bonus* huwa haga distinta u separata mill-paga u tinghata fid-diskrezzjoni tal-principal

Il-Qorti semghet id-deposizzjoni tad-dirigenti ta` ELC u ta` Cutajar mnejn irrizulta li l-*performance bonus* jinghata dejjem hlief ghal kazi eccezzjonali. Ghalkemm ma kienx esebit il-kuntratt tax-xoghol ta` Cutajar, irrizulta li fil-kaz tieghu dejjem thallas il-*performance bonus.*

Jirrizulta ppruvat li l-*performance bonus* kien trattat minn ELC daqslikieku kien parti mill-paga u jirrizulta li jissejjah hekk bhala lieva favur il-principal sabiex meta jidhirlu li l-impjegat mhux jaqdi d-dmirijiet tieghu kif jixtieq il-principal u skont l-esigenzi tieghu dan ikun jista` jaghzel li ma jaghtix il-*performance bonus* billi skont il-ligi, principal mhuwiex intitolat inaqqas is-salarju ta` impjegat jekk dan ma jaqdix id-dmirijiet tieghu sewwa. Fil-kaz ta` *performance bonus,* principal jista` jagixxi xort`ohra ghaliex mhux projbit mil-ligi milli jaghmel dan. Li kieku legalment il-*performance bonus* ikun haga wahda mal-paga, il-principal ma jkunx jista` jaghmel tnaqqis. Ghalhekk, bhal kull allowance ohra, ghalkemm *performance bonus* jibbenefika minnu l-impjegat, jithallas fid-diskrezzjoni tal-principal u meta ma jithallasx l-impjegat ma jkollux azzjoni ta` rivalsa kontra l-principal ghaliex ma jkunx thallas salv li jkun hemm xi disposizzjoni fil-kuntratt tax-xoghol li tghid xort`ohra.

Ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti jidhrilha li ghamlet sewwa Mapfre li fil-konsiderazzjonijiet taghha irrimborsat lil ELC tal-*performance bonus* li hallset lil Cutajar tenut kont tal-*modus operandi* ta` kif isir il-hlas tal-*performance bonus* izda wkoll tal-*modus operandi* tajjeb kien kien jaqdi Cutajar d-dmirijiet tieghu lejn il-principal tieghu. Ladarba minhabba l-

incident, tort ta` haddiehor, Cutajar ma setax imur ghax-xoghol, Citadel hija obbligata thallas anke l-*performance bonus*.

Citadel taghmel ukoll l-argument illi Mapfre ma hassitx il-bzonn li tinkariga espert mediku taghha biex jezamina l-kondizzjoni tal-impjegat halli jkun accertat li bil-griehi li kellu ma setax jattendi ghad-dmirijiet tieghu.

Il-Qorti ma tarax li l-fatt illi ma kienx mahtur espert mediku ad hoc allura dak kien nuqqas da parti ta` Mapfre li sahansitra ghandu jqieghed fid-dubju l-jedd taghha ta` rivalsa kontra l-konvenuta.

Dan qed jinghad ghaliex Mapfre kellha fil-pussess taghha diversi certifikati medici li jkopru l-perijodu li fih Cutajar ma kienx qed jattenda ghax-xoghol. Hekk kien rikjest mill-polza u hekk sar (ara fol 72 sa fol 80). Tajjeb jinghad illi mhuwiex minn awl id-dinja illi Mapfre kienet sejra taqbad u thallas lill-assikurat taghha b`ghajnejha maghluqa meta kienet taf li kien ser ikollha toqghod ghall-iskrutinju tal-konvenuta u fil-kaz li ma tasalx maghha (kif gara) tirrikorri ghall-qrati.

Irrizulta wkoll illi Cutajar kien regolarment ezaminat minn tobba mahtura mahtura mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ladarba d-Dipartiment kien ser ihallas beneficcji skont il-ligi lil Cutajar. Dawn qablu mal-konkluzjonijioet tat-tobba ta` Cutajar. Irrizulta li l-Bord tad-Dipartiment ikkomunika f`varji okkazjonijiet ma` ELC sabiex jistharreg dwar l-qaghda ta` l-impjegat taghha (ara fol 81 sa fol 85).

Citadel ghamlet ukoll l-argument illi l-griehi ta` Cutajar kienu sostanzjalment hfief konsistenti biss f`*whiplash injury* u ghalhekk peress li x-xoghol tal-vittma kien manigerjali, seta` jibqa` jmur ghax-xoghol.

Il-Qorti tirrespingi dan l-argument ghaliex il-provi medici u fattwali li diga` ghamlet referenza ghalihom.

**Il-Qorti sejra tillikwida l-ammont ta` <u>EUR23,228.04</u> favur Mapfre.**

## 2. <u>Il-quantum reklamat minn ELC</u>

ELC qeghda tirreklama minghand Citadel ir-rimbors tal-ammont ta` EUR18,140.35 li harget hi u li ma kienx kopert mill-polza *Employers Liability Policy*.

Anke ghal din il-pretensjoni, il-konvenuta talbet il-prova taghhom skont il-ligi.

**a) <u>Il-hlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali</u>**

ELC qeghda titlob li tinghata rifuzjoni ta` EUR2,029.35c li hallset bhala s-sehem taghhom mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali ta` Gilbert John Cutajar ghaz-zmien ta` bejn it-22 ta` April 2013 sas-6 ta` April 2014 skont id-dokumenti a fol 94 sa 108 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti, ELC m`ghandha l-ebda jedd ghal dan ir-rimbors.

Il-hlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali huwa obbligu *ex lege* tal-principal, u l-hlas irid isir anke jekk l-impjegat ma jkunx qed jidhol ghax ikun *on injury leave.* Huwa rrilevanti l-fatt li l-impjegat ikun korra tort ta` haddiehor. Il-hlas tal-kontribuzzjonijiet ikopri firxa wiesgha ta` beneficcji li johorgu mir-relazzjoni ta` bejn principal u impjegat. Din tmur ben oltre l-korriment waqt ix-xoghol.

**Ghalhekk din il-pretensjoni ta` ELC qeghda tkun <u>respinta</u>.**

**b) <u>Il-hlas ghal kura medika</u>**

ELC qeghda tippretendi rifuzjoni ta` EUR4,111 ghall-ispejjez medici li hallas l-impjegat u li ghalihom tatu rimbors.

Il-pagament favur l-impjegat sar permezz ta` zewg cheques wiehed ghall-ammont ta` EUR1,704 u iehor ghall-ammont ta` EUR2,407 (fol 109 u 110).

Il-konvenuta taghmel l-osservazzjoni li Cutajar ma pprezentax ir-ricevuti kollha li jsostnu l-figura ta` EUR4,111 izda biss ricevuti li jkopru nefqa ta` EUR2,445.05c. Li ghamel Cutajar kien illi hejja prospett bin-nefqa totali tieghu (fol 111) u kkonfermah bil-gurament.

Id-diskrepanza bejn l-ammont shih reklamat u l-ammont sorrett b`ricevuti huwa notevoli. Ir-ragunijiet li ngiebu ghaliex ma kinux prodotti r-ricevuti kollha u ghaliex sar il-hlas intier mhumiex bizzejjed sabiex iwarrbu dak li trid il-ligi u cioe` li titressaq l-ahjar prova u fil-kaz ta` din ix-xorta l-ahjar prova hija d-dokument. Fin-nuqqas tad-dokument, ELC qaghdet biss fuq ix-xiehda ta` Cutajar izda ghal din il-Qorti dan mhux bizzejjed tenut kont tal-entita` tal-hlasijiet mhux koperti b`ricevuta. Il-fatt illi l-impjegat irrikorra wkoll ghal kura fis-servizzi pubblici tas-sahha pubblici ma kienx jesonera lil ELC milli tressaq provi ohra konvincenti u sodisfacjenti ghall-prova tan-nefqa kollha.

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Gunju 2001 fil-kawza "**Ronald Schaffrath vs www.Travel TV p.l.c**.", din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

" *... l-Qorti trid taghmilha cara li f`kull kawza, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq.* ***Attur ma jistax inehhi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens ta` hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta` prova ta` dak li qed jitlob****."* [enfasi ta` din il-qorti]

Fis-sentenza li tat fl-14 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**Avv. Louis Bianchi noe vs George Spiteri**" il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk :-

> *" ... Issa apparti l-fatt li kif sewwa ntqal mill-konvenut, proprju in coda ghan-Nota tal-Osservazzjonijiet, huwa attira l-attenzjoni ghall-fatt illi l-attur ma pprovax il-hsarat u ma gabx l-ahjar prova dwar id-danni, ghandu jigi osservat illi skond regola tradizzjonalment pacifika, kodifikata anke fost in-normi procedurali taghna `Fuq il-provi` fit-Tielet Ktieb, Titolu 1, tal-Kap 12, illi `l-obbligu tal-prova ta` fatt imiss dejjem lil min jallegah` (Art. 562). Din ir-regola tesprimi l-esigenza li tghabbi fuq il-parti li jallega fatt ghalih favorevoli d-dover li jaghti prova tal-ezistenza tal-istess fatt. Din hi esigenza bil-wisq logika li l-ebda pretendent ta` dritt ma jista` jissottragga ruhu ghaliha fir-realta` processwali ghall-konvinciment tal-gudikant.*
>
> *Huwa deducibbli minn dan illi biex isostni d-dritt tieghu fil-gudizzju l-attur htieglu jipprova l-fatt li jikkostitwixxi l-fondament tieghi. Fit-termini tal-kaz partikolari konsistenti minn pretiza ghar-rizarciment tad-danni...l-appellanti kellu b`obbligu jiddemostra bi provi attendibbli l-fatti kostituttivi tal-azzjoni minnu proposta, jigifieri :*

*il-prova tal-htija fil-konvenut ghall-akkadut ;*
*il-prova tad-danni.*

*Ragonevolment l-actori incumbit probatio tapplika fiz-zewg kazijiet u timponi b`oneru li l-attur jimpenja ruhu li jgib il-provi biex jissostanzja l-bazi tal-allegazzjonijiet u tat-talbiet tieghu u mhux jistenna li din issir bl-inizzjattiva tal-gudikant. L-istess kwalifika tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta` `oneru` jaghti wiehed x`jifhem illi l-inadempiment tal-prova titraduci ruhha fi zvantagg ghall-parti li fuqha din l-istess prova hi gravata. Ir-raguni ghal din is-sitwazzjoni hi r-rizultat tal-osservazzjoni ovvja d-dizimpenn tal-piz tal-prova hall l-fatt allegat fi stat ta` incertezza. Li jfisser allura, b`konsegwenza, illi l-gudizzju tal-Qorti ma jistax hlief jikkonsidra inezistenti l-fatt li baqa` incert in kwantu mhux provat.*

***Certament l-accertament tal-kolpa u ta` l-event dannuz ma jezonerax lill-attur appellant milli jgib provi sodisfacenti dwar il-konsistenza u l-kwantum tad-danni...Il-gustifikazzjoni tat-talba mill-Qorti ma tistax issir billi l-Qorti tikkuntenta ruhha mir-raguni tan-nuqqas ta` eccezzjoni ossija tal-kontestazzjoni tad-danni. Hi kellha tissodisfa ruhha biss bi prova certa. Prova li ma setghetx tigi raggunta la bl-inerzja u lanqas bl-inademojenza izda biss fil-konkret tal-istabillizzar tat-telf effettiv fl-ambitu tal-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili.*`** [enfasi ta` din il-qorti]

(ara wkoll **<u>Saviour Farrugia noe vs Margaret Vella et</u>** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001, **<u>Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri</u>** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-31 ta` Mejju 1972, **<u>Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Ltd</u>** deciza mill-Qorti ta` l-Appelli Civili Inferjuri fit-13 ta` Jannar 1999; **<u>Mifsud Mario vs. Mifsud Carmelo</u>** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-12 ta` Novembru 2003).

**Ghar-ragunijiet li ttrattat aktar kmieni u fuq l-iskorta ta` din il-gurisprudenza, il-Qorti sejra takkorda rifuzjoni ta` <u>EUR2,445.05c</u> bhala l-ammont ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li thallas ghall-kura medika tal-impjegat.**

c) **<u>Hlas lil Calamatta Landscapes Limited</u>**

ELC tghid illi hallset is-somma ta` EUR12,000 lil Calamata Landscapes Limited sabiex taghtiha servizz ghal xoghol li kien jaghmel Cutajar ghaz-zmien kollu kemm dam ma setax imur ghax-xoghol.

Citadel tikkontendi li l-ammont reklamat mhux dovut abbazi tal-principju illi ELC kienet obbligata timmitiga (mhux tawmenta) d-danni taghha. Kien messha hadet mizuri interni fil-*workforce* taghha sabiex haddiehor jaghmel dak li kien jaghmel Cutajar fiz-zmien meta kien nieqes mix-xoghol.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, l-argument tal-konvenuta ma jregix.

Bil-fatt li kienet inkarikata Calamatta Landscapes Limited biex taghmel ix-xoghol tal-impjegat ma jmurx kontra l-principju tal-mitigazzjoni tad-danni.

Cutajar kellu responsabilita` manigerjali, teknika u specjalizzata. Caqlieq intern biex ipatti ghan-nuqqas ta` Cutajar kien probabilment jinvolvi spiza akbar lil ELC ladarba huwa minn awl id-dinja li impjegat m`ghandux jitghabba b`responsabilitajiet bhal ma kellu Cutajar u jibqa` bl-istess paga. Dan kollu apparti kwistjonijiet ta` natura sindakali li hafna drabi taf kif tibda izda mhux dejjem tkun taf kif tispicca.

Fil-fehma tal-Qorti, il-mizura adottata minn ELC kienet aktar ndikata u gustifikabbli.

Daqstant ghar-rigward tal-fondatezza tar-raguni ghall-inkariku ta` Calamatta Landscapes Limited.

Nigu issa ghall-quantum.

ELC ezebiet l-ircevuti tal-VAT li harget Calamatta Landscapes Limited a fol 129 sa fol 131.

Xehed ukoll Carlos Calamatta direttur ta` Calamatta Landscapes Limited li pprezenta l-ftehim dwar il-prestazzjonijiet ma` ELC (fol 133 sa 134).

**L-ewwel ircevuta hija datat 27 ta` Frar 2014 ghall-ammont ta` EUR5,900. Il-Qorti sejra taccetta bhala ppruvat dan l-esbors.**

Iz-zewg ircevuti l-ohra fl-ammonti ta` EUR1770 u EUR4330 huma datati 16 ta` April 2014 u 16 ta` Gunju 2014. Dan ifisser li hargu fiz-zmien meta Cutajar kien rega` dahal ghax-xoghol.

Ghalkemm kien prezentat il-ftehim ta` bejn ELC u Calamatta, ma gewx esebiti *invoices* jew kontijiet li setghu jixhtu dawl fuq jekk iz-zewg ricevuti kinux ikopru servizzi li nghataw fiz-zmien meta Cutajar ma kienx qed imur ghax-xoghol.

Il-Qorti nnotat li skont il-ftehim, il-hlas kien ta` EUR1,000 fix-xahar flimkien ma` VAT.

Madanakollu jekk jitqies illi l-ftehim beda jopera b`effett minn Mejju 2013 u kellu jigi jaghlaq meta Cutajar rega` dahal f`April 2014, l-ammont dovut kien jaqbez il-figura ta` EUR12,000, tenut kont tal-aggunta ta` l-VAT.

Lanqas ma nghatat spjegazzjoni ta` kif huma ripartiti l-ammonti indikati fil-VAT receipts.

Dawn huma provi li kienu jispettaw lil ELC u li ELC baqghet ma fornietx anke meta kien taf li Citadel kienet qeghda tikkontesta l-quantum.

L-assjem ta` dawn il-fatti u cirkostanzi juri karenza ta` provi sodisfacjenti u ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra tammetti t-talba ghar-rimbors tal-ammont ta` EUR6,100 skont iz-zewg ricevuti.

**Ghalhekk mis-somma totali reklamata minn ELC, il-Qorti sejra tillikwida biss l-ammont ta` EUR8,345.05c (EUR2,445.05 + EUR5,900).**

## VIII. L-imghax

Fis-sitt eccezzjoni, il-konvenuta tghid illi l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat peress li dik kienet l-ewwel okkazjoni meta l-pretensjoni attrici kienet effettivament likwidata.

Irrizulta li b`ittra ufficjali datata 20 ta` April 2015, Patrick Bartolo u Citadel Insurance plc kienu interpellati ufficjalment minn Allcare Insurance Limited, ELC u Gilbert John Cutajar sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti. L-ittra ufficjali kienet notifikata (fol 21).

Il-gurisprudenza taghna tghid kjarament illi l-imghax jista` jiddekorri biss meta fit-talba gudizzjarja jew fl-ittra ufficjali jkun hemm imnizzel ammont likwidu u cert u mhux jkun hemm semplici talba ghal-likwidazzjoni. Huwa biss fil-kazi fejn ikun hemm imnizzel ammont li l-imghax jista` jigi meqjus li beda ghaddej mid-data tan-notifika ta` l-ittra ufficjali jew tar-rikors guramentat skont il-kaz.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha tat-28 ta` Jannar 2016 (mhux appellata) fil-kawza **<u>Safe Trading Company Ltd vs France Bonavia</u>** fejn inghad hekk :-

> *"Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza "**<u>Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et</u>**". Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.*
>
> *Inghad hekk :-*
>
> *"L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom "**<u>Noel Ellul vs James Gollcher</u>**" tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*
>
> *Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*
>
> *Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li*

*kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici. Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata."*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet lammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :*

*"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammontreklamat jibda jattratta l-interessi ("O`Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999."*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza "**Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe**". Hemm inghad illi l-mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn*

*dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru l-imghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq lobbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :-*

*" … kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "limghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**<u>O`Connor –vs- Bruno Olivier</u>**", Vol XVI pI p84)."*

*Il-Qorti ssib illi fil-kaz tal-lum l-interpellazzjoni ghall-hlas ta` l-ammont ta` €16,804 saret permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta` Settembru 2011. Mhux kontestat li dan l-att gudizzjarju kien notifikat lill-konvenut.*

*Wara li hadet kont tal-gurisprudenza citata, il-Qorti tirrileva illi billi l-ammont originarjament mitlub mis-socjeta` attrici qieghed ikun ridott bi ftit inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li, il-fehma ta` din il-Qorti, ma jikkwalifikax bhala ftit, u dan wara process ta` likwidazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax legali ghandu jiddekorri b`effett mil-lum."*

**Dan premess, fil-kaz tal-lum, il-Qorti sejra tiddisponi fis-sens illi fil-kaz tal-ammont spettanti lil Mapfre, l-imghax legali ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament, filwaqt illi fil-kaz tal-ammont li ghandu jithallas lil ELC, dan ghandu jiddekorri b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament ladarba l-ammont likwidat favur ELC minn din il-Qorti kien sostanzjalment anqas minn dak li talbet fir-rikors guramentat.**

## IX. <u>L-ispejjez tal-kawza</u>

Fil-hames eccezzjoni, il-konvenuta eccepiet illi m`ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza. Diversament, ghandu jkun hemm spartizzjoni fil-kap tal-ispejjez billi r-responsabbilita` ta` l-incident kienet ilha ammessa sa mill-2013 u anke hallset

il-hsara tal-vettura li kienet misjuqa minn Gilbert John Cutajar. Inoltre apparti l-ittra ufficjali, ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni maghha dwar il-quantum tad-danni.

Il-Qorti ssib illi l-ewwel talba ma kellhiex ghalfejn issir in vista li Citadel kien accettat ir-responsabbilita` ta` l-incident sa mill-1 ta` Awissu 2013 (ara l-email a fol 143 – Dok MC) u allura qabel il-presentata tar-rikors guramentat. Ghalkemm sejra tilqa` t-talba l-ispejjez relattivi ghandhom ibatuhom l-atturi.

Rigward it-tieni, it-tielet u l-hames talbiet, l-ispejjez relattivi ghandha tbatihom il-konvenuta. Jirrizulta li permezz ta` *email* mibghuta minn Mapfre fis-17 ta` Marzu 2016 (fol 45) Citadel kienet infurmata bid-dettalji tal-pretensjoni taghha ghall-ammont ta` EUR23,228.04c. Il-Qorti tesprimi ruhha fis-sens illi ghalkemm il-konvenuta kienet taf dak li kien qed jintalab minn Mapfre qabel saret il-kawza, xorta wahda ma waslitx fi ftehim maghha barra l-qorti.

Diversa hija l-konsiderazzjoni tal-ispejjez fir-rigward tar-raba` u tas-sitt talbiet ghaliex il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm ripartizzjoni tal-ispejjez ladarba favur ELC sejjer jigi likwidat ammont inferjuri ghal li talbet.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni.**

**Tilqa` parzjalment ir-raba` (4), il-hames (5) u s-sitt (6) eccezzjonijiet.**

**Tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet.**

**Tilqa` l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet.**

**Tilqa` t-tielet (3) talba billi tillikwida d-danni tal-attrici Mapfre Middlesea plc fl-ammont ta` tlieta u ghoxrin elf mitejn tmienja u ghoxrin Ewro erba` centezmi (€23,228.04c).**

**Tilqa` l-hames (5) talba billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici Mapfre Middlesea plc l-ammont ta` tlieta u ghoxrin elf mitejn tmienja u ghoxrin Ewro erba` centezmi (€23,228.04c) in linea ta` danni bl-imghax legali b`effett mit-28 ta` Dicembru 2016 (data tan-notifika tar-rikors guramentat) sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tilqa` parzjalment ir-raba` (4) talba billi tillikwida d-danni tal-attrici Environmental Landscapes Consortium Limited fl-ammont ta` tmint elef tliet mija hamsa u erbghin Ewro hames centezmi (€8,345.05c).**

**Tilqa` parzjalment is-sitt (6) talba billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici Environmental Landscapes Consortium Limited l-ammont ta` tmint elef tliet mija hamsa u erbghin Ewro hames centezmi (€8,345.05c) in linea ta` danni bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna lill-atturi Mapfre Middlesea plc u Environmental Landscapes Consortium Limited sabiex ihallsu l-ispejjez relattivi ghall-ewwel (1) talba.**

**Tordna lill-konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha relattivi ghat-tieni (2), ghat-tielet (3) u ghall-hames (5) talbiet.**

**Tordna li l-ispejjez relattivi ghar-raba` (4) u ghas-sitt (6) talbiet jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici Environmental Landscapes Consortium Limited u in kwantu ghal nofs mill-konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**